# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF : ONOR. DR. GINO CAMILLERI LL.D.**

**Seduta tat-18 ta' Mejju 2001**

**Citazzjoni numru 1663/98 GC**

**Anthony Zammit**

**vs**

**Peter Paul Bonnici**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta:-

Illi fil-21 ta' Marzu 1998 ghall-habta tas-6.26 a.m. gewwa Valletta Road limiti Gudja l-Hyundai numru LAB 346 propjeta' ta' l-attur, imma misjuqa minn ibnu Joseph Zammit, kienet involuta f'kollizjoni mal-Fiat numru EAG 719 misjuqa mill-konvenut Peter Paul Bonnici;

Illi dan l-incident sehh tort u htija tal-konvenut unikament, u dan minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

Illi bhala rizultat ta' dan l-incident l-attur sofra danni fl-ammont totali ta' erbat'elef u tlieta u ghoxrin lira (Lm4023), kompriz il-pre-accident value tal-Hyundai li giet iddikjarata "beyond economical repair";

Ghalhekk l-attur talab li l-konvenut jghid ghaliex :-

1. m'ghandux jigi dikjarat u deciz li l-kollizjoni bejn il-Hyundai numru LAB 346 u l-Fiat numru EAG 719 li grat Valletta Road, limiti Gudja fil-21 ta' Marzu, 1998 sehhet unikament tort u htija tal-konvenut minhabba trakuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu;

2. m'ghandux l-istess konvenut jigi kkundannat li jhallas lill-attur in linea ta' danni s-somma ta' erbat elef tlieta w ghoxrin lira (Lm4023) jew somma verjuri li tigi likwidata minn din il-Qorti;

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali tas-6 ta' Mejju, 1998 u dawk ta' ittra ufficcjali kontra Citadel Insurance prezentata kontestwalment ma' din ic-citazzjoni, u bl-imghax skond il-ligi, kontra l-konvenut li gie mharrek ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn gie eccepit :-

1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt ghax il-kollizjoni in kwistjoni grat unikament tort tad-driver tal-karozza ta' l-attur, Joseph Zammit, li laqat lill-car misjuqa mill-eccipjent fuq wara u tellef lill-eccipjent il-kontroll tal-vetturi tieghu;

2. Ghalhekk ma hemmx danni x'jigu likwidati jew imhallsa fil-konfront ta' l-eccipjent;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda tieghu;

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 2000 minn fejn jirrizulta illi l-konvenut iddikjara li m'hemmx ghalfejn li tigi konfermata r-ricevuta li tinsab esibita fol.11 u l-ammont indikat fl-istess dokument ghandu jittiehed li huwa l-ammont veru;

Rat l-atti l-ohra tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Gunju 2000;

Ikkonsidrat:

Jirrizulta li fil-21 ta' Marzu 1998, kmieni filghodu, sehh incident stradali gewwa Valletta Road Gudja, fejn kienu involuti vettura Hyundai numru ta registrazzjoni LAB 346 propjeta' ta' l-attur u misjuqa minn ibnu Joseph Zammit u l-vettura Fiat numru ta' registrazzjoni EAG 719 misjuqa mill-konvenut. L-attur isostni li l-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghal dan l-incident u konsegwentement ghandu jigi kundannat ihallas id-danni kollha sofferti minnu fl-imsemmija karozza tieghu bhala konsegwenza tal-istess incident. In effett l-attur isostni li l-imsemmija vettura tieghu giet dikjarata li kienet "beyond economical repair". Da parti tieghu l-konvenut qed jeccepixxi li l-kollizjoni in kwistjoni grat unikament tort ta' bin l-attur;

Jirrizulta li z-zewg sewwieqa involuti f'dan l-icident kienu t-tnejn ghadhom kemm spiccaw mix-xoghol, it-tnejn mal-istess fabbrika. It-tnejn kienu qed isuqu fl-istess direzzjoni cioe lejn il-Gudja. Jirrizulta li l-incident sehh ftit wara li z-zewg sewwieqa hargu mill-mina li hemm fit-triq in kwestjoni. Iz-zewg sewwieqa jaghtu verzjoni differenti u kontradittorja ta' kif gara l-incident;

Bin l-attur jghid li meta huwa hareg mill-mina huwa kien qieghed isuq fil-karreggjata ta' gewwa, fil-waqt li l-konvenut kien qieghed fil-karreggjata l-ohra cioe' dik ta' barra. Kif hargu mill-istess mina l-konvenut qabzu u f'daqqa wahda l-konvenut, minghajr ma ghamel xi sinjal, ittanta jidhol fil-karreggjata ta' gewwa cioe' fejn kien qed isuq bin l-attur. Bin l-attur ipprova jevita lill-konvenut, pero' xorta wahda l-konvenut laqat lill-karozza misjuqa minn bin l-attur. Minhabba din id-daqqa bin l-attur laqat il-bankina, darlu l-isteering u tilef il-kontroll tal-karozza li kien qed isuq. Huwa qabez ic-centre strip u baqa diehel fil-hajt fuq in-naha l-ohra tat-triq;

Bin l-attur jghid li l-konvenut laqtu fuq quddiem fin-naha tax-xufier bejn il-bumper u r-rota. Huwa jghid li, fil-hin tal-incident, kien ghaddej b'velocita' ta' tmenin (80) kilometru fis-siegha u l-konvenut kien ghaddej b'velocita' ftit aktar minn tieghu. Huwa jghid li ma kienx hemm traffiku iehor quddiemhom, hlief ghal mini-van li kien pjuttost il-quddiem fil-karreggjata ta' barra. Bin l-attur eskluda dak li gie lilu sugerit mid-difensur tal-konvenut, li l-konvenut kien ukoll fil-lane ta' gewwa u hu ttanta jaqbez il-konvenut minn fuq in-naha tax-xellug. Huwa deherlu li d-daqqa fuq il-karozza tal-konvenut kienet fuq wara cioe fil-kantuniera ta' wara fil-genb fuq in-naha tal-passiggier;

Il-konvenut jghid li fil-hin tal-incident huwa kien qed isuq fuq in-naha ta' gewwa tat-triq, cioe fl-inner lane fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Huwa jghid li kif hareg mill-mina hass skoss gej minn-naha ta' wara tal-karozza li kien qed isuq. B'hekk tilef il-kontroll u l-karozza li kien qed isuq habtet mal-bankina u nqalbet u spiccat fuq genbha. Ghall-ewwel ma kienx jaf x'kien dak l-iskoss, pero' wara nduna li kien dahal fih fuq in-naha ta' wara tal-vettura misjuqa minnu bin l-attur bil-karozza li kien qed isuq. Huwa kkonferma li l-karozza li kien qed isuq garrbet hsarat kbar. Huwa qal li kien ghaddej b'velocita' ta' 50/60 kilometru fis-siegha. Huwa cahad il-versjoni ta' bin l-attur. Huwa qal li fl-ebda hin ma ra l-karozza l-ohra. Ra l-istess karozza l-ohra biss wara l-incident. Huwa kkonferma li l-karozza li kien qed isuq inqalbet fuq il-lemin pero dana kien wara li l-istess karozza habtet mal-bankina;

Il-versjoni li jghati l-konvenut mhux ghal kollox kredibbli. Difatti meta l-konvenut, ftit wara l-incident, gie mistoqsi mill-Pulizija kif kien gara l-incident huwa ma tax il-versjoni li ta meta xehed f'dawn il-proceduri. F'din id-deposizzjoni l-konvenut jghid li huwa cert li kien qed isuq fil-karreggjata ta gewwa, mentri ftit wara l-incident huwa qal li kien jahseb li kien qed isuq fil-karreggjata ta' gewwa. Dan jirrizulta mill-okkorrenza relattiva. F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk ma jistax jigi eskluz dak li qal bin l-attur u cioe li l-konvenut ftit qabel il-habta kien ghaddej fil-karreggjata ta' barra u f'daqqa wahda, minghajr ebda raguni u minghajr ma ghamel ebda sinjali, gibed ghal fuq ix-xellug tieghu biex jidhol fil-karreggjata ta' gewwa;

Il-versjoni ta' bin l-attur hi sostanzjalment korroborata mid-daqqiet li jirrizulta li ssubew il-karozzi fl-incident. Jirrizulta li l-hsarat li sofrew iz-zewg vetturi huma kompatibbli mal-imsemmija versjoni ta' bin l-attur. Jirrizulta, anke mis-survey fol.6 sa 10, li l-hsarat fil-vettura tal-attur kienu fuq quddiem fil-genb fin-naha tax-xufier bejn il-bumper ta quddiem u r-rota ukoll ta' quddiem. Jirrizulta ukoll li d-daqqa fil-karozza misjuqa mill-konvenut kienet fil-genb u fil-kantuniera ta' wara fin-naha tal-passiggier;

F'dan ir-rigward ghandu jinghad li l-ufficjal tal-pulizija li mar fil-post tal-kollizjoni xehed dwar dawn il-hsarat biss b'mod generali. Jista jkun li dan l-ufficjal tal-pulizija llimita ruhu li jghid biss b'mod generali kif kienu l-hsarat fiz-zewg vetturi peress li jirrizulta li terza persuna u cioe x-xhud Joseph Cassar Aveta ghan-nom tal-konvenut b'mod irregolari ndahal u gieghel lill-istess ufficjal ibiddel ir-rapport tieghu. Il-qorti lanqas ma tista toqod fuq dawk ir-ritratti li gew esibiti mill-konvenut man-nota ta' eccezzjonijiet tieghu u dana peress li l-istess ritratti ma ttiehdux minn angoli li jistghu juru l-hsarat kollha li garbet il-vettura misjuqa mill-istess konvenut. Hu ukoll kritikabbli l-fatt li ma marx surgent tal-pulizija biex jinvestiga il-kollizzjoni izda mar biss kuntistabbli;

Fid-dawl tal-premess u fic-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz jista jinghad li l-versjoni ta' bin l-attur hi aktar verosimili u ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-istess incident;

Mill-provi prodotti u in vista ta dak li gie dikjarat mill-konvenut fil-kors tas-seduta tal-14 ta' Frar 2000 jirrizulta li d-danni kollha sofferti mill-attur fil-vettura tieghu bhala konsegwenza ta' dan l-incident jammontaw ghas-somma komplessiva ta' erbat elef u tlieta u ghoxrin liri maltin (LM4023);

Ghal dawn il-motivi kollha:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet kollha kif solevati mill-konvnut u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tiddikjara li l-kollizjoni in kwestjoni sehhet unikament tort u htija tal-konvenut u tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur in linea ta' danni s-somma ta' erbat elef tlieta w ghoxrin lira (Lm4023) u dana bl-imghaxxijiet kollha legali mid-data tal-presentata ta' din ic-citazzjoni u cioe mill-11 ta' Awissu 1998;

Spejjez kollha kontra l-konvenut.